

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-14 ta' April 2014****dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża**

(2014/232/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Fis-16 ta' April 2007, il-Kunsill approva l-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn ir-Repubblika Gaboniża u l-Komunità Ewropea (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-"Ftehim ta' Sħubija"), bl-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 450/2007 ⁽¹⁾.
- (2) L-Unjoni nneozjat Protokoll ġdid mar-Repubblika Gaboniża li jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet li fihom ir-Repubblika Gaboniża teżerċita s-sovranià jew il-ġurisdizzjoni tagħha fir-rigward tas-sajd.
- (3) Dan il-Protokoll ġdid ġie ffirmat abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2013/462/UE ⁽²⁾ u għandu japplika provviżorjament mill-24 ta' Lulju 2013 ⁽³⁾.
- (4) Huwa xieraq li l-Protokoll ġdid jiġi approvat.
- (5) Il-Ftehim ta' Sħubija jistabbilixxi Kumitat Konġunt li huwa responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim. Barra minn hekk, f'konformità mal-Protokoll, il-Kumitat Konġunt jista' japprova ċerti modifiki għall-Protokoll. Bl-iskop li jiġu implimentati dawn il-modifiki, huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa, soġġett għal kondizzjonijiet speċifiċi, biex tapprovahom skont proċedura ssimplifikata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") huwa approvat fisem l-Unjoni ⁽⁴⁾.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jipproċedi, fisem l-Unjoni, bin-notifika prevista fl-Artikolu 15 tal-Protokoll.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 450/2007 tas-16 ta' April 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn ir-Repubblika tal-Gabon u l-Komunità Ewropea (ĠU L 109, 26.4.2007, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/462/UE tat-22 ta' Lulju 2013 dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża (ĠU L 250, 20.9.2013, p. 1).

⁽³⁾ Informazzjoni dwar id-data tal-firma tal-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja prevista mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Gaboniża (ĠU L 229, 28.8.2013, p. 1).

⁽⁴⁾ Il-Protokoll ġie ppubblikat fil-ĠU L 250, 20.9.2013, p. 2, flimkien mad-deċiżjoni dwar l-iffirmar.

Artikolu 3

Soġġett għad-dispożizzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tap-prova, fisem l-Unjoni, il-modifiki għall-Protokoll fil-Komitat Konġunt.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-14 ta' April 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

A. TSAFTARIS

ANNESS

Ambitu tal-għoti tas-setgħa u l-proċedura għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt

1. Il-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tinneogzja mar-Repubblika Gaboniża u, fejn adatt u sakemm tkun konformi mal-paragrafu 3 ta' dan l-Anness, tapprova l-modifiki tal-Protokoll fir-rigward tal-kwistjonijiet li ġejjin:
 - (a) revizzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 tal-Protokoll;
 - (b) deċizzjoni dwar il-modalitajiet tal-appoġġ settorjali f'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll;
 - (c) speċifikazzjonijiet tekniċi u modalitajiet li jaqgħu fis-setgħat tal-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Anness għall-Protokoll.
2. Fil-Kumitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd, l-Unjoni għandha:
 - (a) taġixxi f'konformità mal-oġġettivi li għandha l-Unjoni fil-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - (b) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 rigward Komunikazzjoni dwar id-dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd;
 - (c) tippromwovi pożizzjonijiet li huma konsistenti mar-regoli rilevanti adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd.

3. Meta huwa previst li deċizzjoni dwar modifiki għall-Protokoll msemmija fil-paragrafu 1 ser tiġi adottata waqt Laqgħa tal-Kumitat Konġunt, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa sabiex il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tiegħu kont tal-informazzjoni statistika, bijoloġika u dik rilevanti oħra l-aktar reċenti mibgħuta lill-Kummissjoni.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, is-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jibgħatu lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu, fi żmien suffiċjenti qabel il-Laqgħa rilevanti tal-Kumitat Konġunt, dokument li jistabbilixxi d-dettalji tal-pożizzjoni proposta tal-Unjoni, għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni.

Fir-rigward tal-kwistjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a), il-Kunsill għandu japprova l-pożizzjoni tal-Unjoni b'maġġoranza kwalifikata tal-voti. Fil-każijiet l-oħra, il-pożizzjoni tal-Unjoni kif ippreżentata fid-dokument tal-Kummissjoni għandha titqies li tkun ġiet approvata, sakemm numru ta' Stati Membri ekwivalenti għal minoranza li timblokka ma joġġezzjonawx waqt laqgħa tal-korpi preparatorju tal-Kunsill jew fi żmien 20 ġurnata minn meta jkun wasal id-dokument preparatorju, skont liema jiġi l-ewwel. Fil-każ ta' oġġezzjoni, il-kwistjoni għandha tintbagħat lura lill-Kunsill.

Jekk, matul laqgħat ulterjuri, inkluż dawk fuq il-post, ikun impossibbli li jintlaħaq qbil li permezz tiegħu l-pożizzjoni tal-Unjoni tiegħu kont ta' elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi sottomessa lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.

Il-Kummissjoni hija mistiedna tiegħu l-passi kollha meħtieġa, fi żmien debitu, biex tiżgura s-segwitu għad-deċizzjoni tal-Kumitat Konġunt, inkluż, fejn ikun il-każ, il-pubblikazzjoni tad-Deċizzjoni rilevanti f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-preżentazzjoni ta' kwalunkwe proposta meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' dik id-Deċizzjoni.